**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 22 ta' Frar, 2023**

**Mandat Nru: 126/2023 AF**

**Caroline Said Dudley Ward**

**u**

**Lawrence Said Dudley Ward**

**vs**

**Marianna Petropoljac neé Ivanova**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Caroline Said Dudley Ward u Lawrence Said Dudley Ward, li permezz tieghu, din il-Qorti ntalbet zzomm lil Marianna Petropoljac neé Ivanova milli tiddisponi b'kwalsiasi titolu mill-fond taghha f'Ondine Flat No. 11, 5th Floor, High Street, Sliema, Malta u garaxx intern b'numru 02, Upper Basement Level.

Rat id-digriet precedenti li permezz tieghu l-Qorti laqghet it-talba provizorjament.

Rat ir-risposta ta' Marianna Petropoljac.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat *in camera*.

Il-Qorti tibda billi tqis il-kwistjoni imressqa mill-intimata li r-rikors huwa null ghaliex ma giex notifikat lilha bil-lingwa Ingliza.

Il-Qorti tirreferi ghall-Art. 5(2) tal-Kap. 189 li jipprovdi testwalment illi:

> *"Jekk ghal xi raguni tkun li tkun, it-traduzzjoni bl-Ingliz ta' xi att bhal dak ma tigix notifikata lil persuna li titkellem bl-Ingliz dik il-persuna tista' taghmel fir-registru, jew tibghat lir-registratur, b'kull mod, dikjarazzjoni fis-sens li hija persuna li titkellem bl-Ingliz u titlob traduzzjoni bl-Ingliz tal-att notifikat lilha".*

Ir-rikorrenti ma ghazlet ebda wahda minn dawn. Ma ressqet ebda nota.

Dwar il-mertu, din il-Qorti qeghda tqis illi r-rikors gie ntavolat permezz ta' formola generali ghalkemm jidher li huwa effettivament talba a tenur tal-Art. 874. Ir-rikorrenti jridu

jikkawtelaw kreditu ta' €62,400 li huma jsostnu li gew frodati lilhom mill-intimata u zewgha.

Kif irriteniet il-Qorti fid-digriet IAS Limited vs George Felice et (31 ta' Awwissu 2020):

> *"... ghall-finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodici tal-Procedura Civili, il-kejl wahdieni huwa biss jekk kemm il-darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-hrug ta' Mandat bhal dak taqbizx l-ammont ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sitta u tmenin centezmi (€11,646.86). Jekk taqbez dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'ghajn tar-rikorrenti biex jinhareg il-Mandat minnha mitlub."*

Il-pretensjoni tar-rikorrenti hija f'ammont ferm akbar minn €11,646.86.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba kontenuta fir-rikors ta' Caroline Said Dudley Ward u Lawrence Said Dudley Ward tal-25 ta' Jannar 2023.

Tidderiegi lir-Registratur jghaddi biex jeffettwa r-registrazzjoni mehtiega skond il-ligi.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu.

IMHALLEF